***Worksheet* Ġ6.1.5**

Nifhmu għalfejn għandna nieħdu miżuri favur il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-Baħar Mediterran.

**A: Għall-interess tagħna:**





1. Fekruna tal-baħar ma tagħmilx differenza bejn brama u borża tal-plastik. Naraw il-*video*: http://youtu.be/ieMXDlMP0b8

2. Jekk naraw mappa tal-Mediterran malajr nindunaw kemm hu baħar magħluq. Ftit li xejn jidħlu kurrenti mill-oċean Atlantiku u għalhekk il-kurrenti fil-Baħar Mediterran jiċċirkolaw (idawru) kważi dejjem l-istess ilma max-xtut tal-istess pajjiżi. Naraw il-*video*: http://youtu.be/-hJmjoowwGU?list=PLMsWQvNRAY01CjPJClV9OHhnifFPtOPsM

3. Ilkoll nixtiequ li l-Baħar Mediterran ikun nadif, rilassanti u jġibilna żiffa friska. Naraw il-*video*: http://youtu.be/KRr1KrNf8XI?list=PLMsWQvNRAY01CjPJClV9OHhnifFPtOPsM
   (2 minuti biżżejjed; il-*video* kollu fih 14-il minuta)

4. Il-problemi prinċipali marbuta mat-tniġġis fil-Mediterran huma:
   (a) is-sajd bla rażan
   (b) vapuri li jġorru kwantitajiet kbar ta' żejt

(c) id-drenaġġ li jintrema fil-baħar

(d) skart tossiku li jagħmel ħsara kbira lill-ħlejjaq tal-baħar

(e) skart industrijali li jintrema fix-xmajjar u jispiċċa ~~fi~~ l-baħar

(f) it-turiżmu, li fi kwantitajiet kbar, jagħmilha diffiċli biex il-pajjiżi jżommu x-xtut tagħhom indaf.

Naraw il-*video*: http://youtu.be/upkXxkOoWLo



5. Ir-ritratt t'hawn fuq juri IMPJANT GĦAT-TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ. Id-drenaġġ jasal f'dan l-impjant qabel jintefa' l-baħar. Hawnhekk id-drenaġġ jissaffa billi jitneħħa l-iskart tossiku kollu filwaqt li jitneħħa wkoll dak il-materjal li jista' jintuża bħala fertilizzant għall-għelieqi tagħna. Però mhux il-pajjiżi kollha jittrattaw id-drenaġġ. Ngħidu aħna f'Gaza, art tal-Palestinjani okkupata minn Iżrael, id-drenaġġ għadu jispiċċa kollu l-baħar. Naraw il-*video*: http://youtu.be/EsDU2CmFBmI

**B: Wieġeb billi tagħmel sinjal taħt it-tajba jew timla l-vojt.**

1. Il-fkieren (żdiedu, naqsu) ħafna mill-Baħar Mediterran.
2. Il-bram (żdied, naqas) ħafna fil-Baħar Mediterran.
3. Ikteb żewġ ħsibijiet li għaddew minn moħħok waqt li qed tara l-*videos*:

   (a) ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   (b) ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

4. Ir-ritratt tal-lemin jixxukkjana. Juri pajp jitfa' d-drenaġġ u skart industrijali ieħor fil-Baħar Mediterran. Ara xi problema qed tinħoloq għall-pajjiżi kollha tal-Mediterran. Għaliex min qiegħed jagħmel dan l-att vandalu, qiegħed jagħmel il-ħsara lill-pajjiżi kollha tal-Mediterran u mhux lil pajjiżu biss?



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________